# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2022**

**Talba Nru: 203/18 JG**
**Numru fuq il-lista: 3**

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Nemat Schembri**

**Vs**

**Jason Genovese (K.I. 353675(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2018[1], permezz ta' liema s-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenut jħallas l-ammont ta' elf, mitejn, erbgħa u tmenin Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,284.97c) rappreżentanti danni sofferti bħala riżultat ta' inċident kif aħjar

[1] A fol 1 *et seq.*

deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' ittri uffiċjali, ta' dawn il-proċeduri u l-imgħaxijiet;

Ra r-risposta tal-konvenut[2] permezz ta' liema huwa laqá għal din it-Talba permezz ta' eċċezzjoni unika, iżda li tikkompredi diversi linji difensjonali.

Ra d-dokumenti eżebiti mis-soċjetá attriċi[3];

Ra x-xhieda ta' PS1122, Arthur Rizzo, u d-dokument ppreżentat minnu[4];

Ra x-xhieda ta' George Stagno Navarra u d-dokumenti ppreżentati minnu[5];

Ra d-digriet mogħti mill-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[6];

Semá x-xhieda ta' Nemat Schembri[7];

Ra dak mitlub fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2022 fejn is-soċjetá attriċi talbet korrezzjoni fl-Avviż fis-sens li l-lokalitá fejn seħħ l-inċident kellu jinqara Vjal Sir Paul Boffa. It-Tribunal kien laqá din it-talba[8]. Għad li l-konvenut ingħata żmien sabiex jħejji risposta għal din it-talba, dan baqá m'għamel xejn.

[2] A fol 22 tal-proċess.
[3] Nota relattiva tinsab a fol 27 tal-proċess.
[4] Dan seħħ fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2019.
[5] Dan seħħ fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2019.
[6] A fol 72 tal-proċess.
[7] Din kellha ssir darbtejn minħabba falliment inizjali tas-sistema elettronika u għalhekk dak li xehdet Nemat Schembri fil-21 ta' Ġunju 2021 ma ġiex reġistrat. Xhieda relattiva mbgħad reġgħet saret fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2022.
[8] Verbal relattiv jinsab a fol 89 tal-proċess. Dan reġa ġie konfermat fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2022.

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2022[9] u tad-19 ta' Mejju 2022[10] fejn l-konvenut u d-difensur tiegħu naqsu milli jidhru u b'hekk, l-istadju tal-provi tal-konvenut ġie dikjarat magħluq fl-aħħar seduta. Tassew, jingħad li d-dehriet tal-konvenut f'dawn il-proċeduri kien verament minimu[11].

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif jirriżulta mill-*iter* hawn fuq indikat, jemerġi ċar li għalkemm il-konvenut kien inizjalment ipparteċipa b'mod formali f'dawn il-proċeduri, wara li kienu ngħalqu l-provi tas-soċjetá attriċi, u wara diversi differimenti sabiex huwa jġib forma ta' prova, l-istess konvenut baqa' passiv[12]. Għal dan it-Tribunal huwa bil-wisq ovvju li l-konvenut abdika mir-responsabbilitá tiegħu u ma baqax isewgi

---

[9] Verbal jinsab a fol 95.
[10] Verbal jinsab a fol 96.
[11] Mill-preżentata tar-risposta tiegħu, il-konvenut naqas milli jidher fis-seduti tad-29 ta' Jannar 2019, tat-12 ta' Marzu 2019, tas-16 ta' Mejju 2019, tat-2 ta' Lulju 2019, tal-4 t'Ottubru 2019, tal-21 ta' Novembru 2019, tat-3 ta' Diċembru 2020, tal-4 ta' Marzu 2021, tal-21 ta' Ġunju 2021, tal-5 t'Ottubru 2021, tat-8 ta' Novembru 2021. F'dawn id-dati naqas milli jidher ukoll d-difensur tiegħu. Kien biss fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2022 li dan tal-aħħar irreġistra dehra.
[12] F'dan is-sens issir referenza għal dak awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Borg *pro et noe* vs John Curmi et,** (App Ċiv Nru: 1111/2001/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Jannar 2003.

dawn il-proċeduri[13]. Dan il-fatt ma jista qatt ikun t'għajnuna għalih[14]. Wara kollox, eċċezzjoni, bħal talba, tibqa' mera allegazzjoni fin-nuqqas tal-prova[15]. Ukoll, il-verżjoni mogħtija minnu lill-Pulizija Eżekuttiva fuq kif seħħ id-dannu, meta wieħed jikkompara n-natura tad-dannu mal-modalitá deskritta minnhu[16], ma hija affidabbli xejn.

---

[13] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Raymond Cauchi *et* vs Kontrollur tad-Dwana,** (Rik Nru: 965/2010) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Diċembru 2015 fejn ingħad li *"huwa palezi li l-partijiet f'kawza ghandhom l-obbligu li jsegwu l-kawza b'mod diligenti u li jattendu ghall-udjenza fid-data u fil-hin indikat fl-udjenza precedenti sabiex jinformaw ruhhom dwar dak li jkun qed isir fl-udjenza u dak li jkun qed jigri fil-kawza."* Preċedentement, f'digriet mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Mary Zammit vs Paul Camilleri Paul *pro et noe*,** (Ċit Nru: 1268/2007) il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bi provvediment tas-16 ta' Marzu 2012 kienet fakkret hekk: *"parti ghandha l-oneru li kull tant zmien tivverifika mill-atti x'ordnijiet ikunu qeghdin jinghataw mill-qorti in camera b'riferenza ghall-kawza."* Iż-żewġ ċitazzjonijiet ġew ukoll abbraċċjati b'mod kostanti minn dan it-Tribunal diversament presedut f'numru ta' deċiżjonijiet tiegħu. F'dan is-sens isir referenza, fost diversi, għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Anthony Grech vs Joseph Spiteri,** (Tlb Nru: 163/2017 KCX) mogħtija nhar il-5 ta' Novembru 2020. Dan it-Tribunal jabbraċċja wkoll din il-linja ta' ħsieb.

[14] F'dan is-sens issir riljev għal dak li ġie awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Borg *pro et noe* vs John Curmi *et*,** (App Ċiv Nru:1111/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Jannar 2001.

[15] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina *et* vs John Portelli *et***, (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidherx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."* Issir referenza wkoll għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Crystal Clean Ltd vs Apparea Ltd,** (App Inferjuri Nru: 124/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Settembru 2022 fejn, bi qbil mat-Tribunal qalet hekk: *"It-Tribunal irrileva li l-oneru tal-prova hawn kien fuq is-soċjetà appellanta u eċċezzjoni bħal fil-każ ta' talba, tibqa' biss allegazzjoni mingħajr il-prova. Dan iktar u iktar fil-każ odjern fejn is-soċjetà appellanta kienet qegħda tikkontendi li x-xogħol magħmul ma kien ta' ebda utilità għaliha. Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiskarta dawn il-konsiderazzjonijiet, u tgħid li tikkondividi pjenament il-konklużjoni tat-Tribunal".*

[16] Hu jgħid li d-dannu seħħ meta Nemat Schembri rriversja l-vettura, waqt li saqajh kienet barra mill-bieba, u b'din il-manuvra seħħ id-dannu, għaliex il-bieba laqtet saqajh. Verżjoni mhux kredibbli.

Illi huwa magħruf li l-oneru f'kawża jista joxxilla bejn il-partijiet[17] u għalhekk fil-ħin li l-konvenut kien rinfaċċjat b'tant provi mis-soċjetá attriċi, il-konvenut kellu d-dover jikkumbatti bil-mezzi disponibbli għalih dak ppruvat fil-konfront tiegħu.

Illi reġistrat dan kollu, u wara li dan it-Tribunal għarbel sew kemm ix-xhieda prodotta u d-dokumentazzjoni kollha, iqis li t-Talba hija mistħoqqa u għalhekk għandha tiġi milqugħa. Ma jqisx li f'dan il-każ, kif solitament jagħmel dan it-Tribunal hekk presedut, għandu jerġa jagħmel rijepilogu sħiħ tax-xhieda kollha. Mill-provi kollha jirriżulta ċar kemm għal dak li jikkonċerna r-reponsabbiltá tal-akkadut, in-ness bejn l-aġir doluż u volontarju tal-konvenut u l-ammont reklamat mis-soċjetá attriċi[18], li dawn ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi jingħad ukoll li t-tentattiv tal-kontro-eżami magħmul lis-sinjura Nemat Schembri[19] ma kienx qawwi biżżejjed sabiex b'xi mod ixejjen dak kollu li ġie konfermat minnha in eżami u ma dak li ntqal lill-Pulizija Eżekuttiva.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna l-konvenut iħallas l-ammont ta' elf, mitejn, erbgħa u tmenin Ewro u sebgħa u disgħin

[17] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil,** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), (App Nru: 7/2010) mogħtija nhar is-7 ta' Mejju 2010, intqal hekk: "*huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu.*"
[18] Dan tal-aħħar huwa konfermat mid-dokumenti eżebiti bejn fol 34 u 41 tal-proċess.
[19] Dan jibda *a tergo* ta' fol 93 tal-proċess.

ċenteżmu (€1,284.97c) bl-imgħax legali mis-7 ta' Diċembru 2017[20] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, u dawk tal-ittra uffiċjali msemmija fl-Avviż tat-Talba u ċioé dik bin-numru 3302/17[21], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[20] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali bin-numru 3302/2017. Skond it-timbru, li jinsab a fol 43 tal-proċess, il-Marixxall Josette Bonello naqset li tindika d-data tan-notifika, għalhekk qiegħda tittieħed in kunsiderazzjoni d-data ta' meta sar it-timbru minflok.
[21] Kif diġa senjalat, l-imsemmija ittra ġiet debitament ippreżentata.